KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Numru 25** **It- Tlieta 24 ta' Marzu 2026**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:00pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Anthony Agius Decelis – Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis-18:50pm)
Chris Grech – Kunsillier
Thomas De Martino – Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis-18:16pm)
Sammy Mallia – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier
Chantelle Portelli- Kunsillier (daħlet għal- laqgħa fis-18:55pm)
Andre Buhagiar- Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis-19:12pm)

**ASSENTI b' APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Keith Cassar – Viċi Sindku

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Segretarju Eżekuttiv

**MISTEDNIN:**
Daniel Galea - Accountant

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li ma setax jattendi għal din il-laqgħa minħabba ċirkustanzi personali. Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament l-ittra tiegħu sabiex ikun uffiċjalment skużat mill-parteċipazzjoni f'din is-seduta.

**25.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru 24**

**25.2.1 Korrezzjonijiet tal- Minuti nru 24**
Ma ġew ippreżentati ebda korrezzjonijiet fir-rigward tal-Minuti nru 24. Għaldaqstant, il-Minuti ġew approvati unanimament (nem. con.).

**25.2.2 Aġġornamenti tal-Minuti nru 24**

**24.3.3 – Fuljett tal-Kunsill** Il-Kunsill ikkonfermà li l-fuljett informattiv tal-Kunsill beda jitqassam u li dan kien wasal għand ir-residenti qabel il-Milied, kif kien imwiegħed.

**24.3.6 – Korrispondenza ma' Ragusa – Viċi Sindku** Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsillieri li ntbagħtet ittra formali lis-Sindku Cassì tal-Comune di Ragusa wara l-laqgħa li saret bejn iż-żewġ naħat. Fil-qosor, il-punti ewlenin ikkomunikati kienu dawn:

- Il-Kunsill Lokali Mosta esprima l-apprezzament tiegħu għall-laqgħa u r-rieda tal-Comune di Ragusa li terġa' tissaħħaħ ir-relazzjoni ta' ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet;
- Intalab kuntatt dirett mal-organizzaturi tal-Festa ta' San Ġorġ f'Ragusa, bil-għan li jibdew id-diskussjonijiet prattiċi dwar il-kollaborazzjoni proposta fil-qafas tal-proġett Smart2;
- Il-Kunsill esprima r-rieda li jifformalizza din il-kollaborazzjoni permezz ta' ftehim ta' kooperazzjoni qabel l-implimentazzjoni tal-inizjattiva;
- Bħala sinjal ta' rieda mill-Kunsill Lokali Mosta, ġie kkonfermata d-disponibilità li jkopri l-ispejjeż tal-viżita uffiċjali tad-delegazzjoni ta' Ragusa, li tinkludi s-Sindku, il-Kunsillier responsabbli mill-Kultura, u l-Arċipriet.

**24.3.8 – Permessi waqt Żmien l-Għid il-Kbir** Il-Kunsill ikkonfermà li, kif ġara f'snin preċedenti, żewġ għaqdiet applikaw għal postijiet waqt iż-żmien tal-Għid il-Kbir. Dawn ser jingħataw l-ewwel postijiet fil-parkeġġ maġenb il-bidu taż-żona tal-pavimentar bil-ġebel ta' Qawwi.

**24.5.3 – Aġġornament tat-Tenders** Il-Kunsill ġie informat li fil-ġranet li ġejjin ser issir laqgħa tal-Bord tal-Evalwazzjoni sabiex jiġu evalwati t-tenders riċevuti u jiġu indirizzati l-kjarifikazzjonijiet mitluba. Il-proċess ser ikompli kif imħejji.

**24.5.4 – Rapport tal-Bord tal-Intervisti – Sejħa Skala 10** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermà l-ħatra ta' Sinjura Eliza Vella għall-kariga inkwistjoni. Sinjura Vella ser tibda l-kompiti tagħha fl-ewwel ġimgħa ta' April 2026.

**25.3 Komunikazzjoni/ Korrispondenza mis- Sindku**

Pjanti tas-siġġijiet għal waqt il-festa- Is-Sindku ppreżentà l-pjanti tas-siġġijiet lill-Kunsillieri. Il-Kunsill qabel li tinżamm l-istess format tas-sena l-oħra, iżda ġie deċiż li l-Kunsill ser jitlob lill-applikanti kollha biex jiżguraw li jinżamm passaġġ adegwat għall-utenti ta' siġġijiet tar-roti u għas-sikurezza ġenerali tal-pubbliku. Ma ttieħdet l-ebda azzjoni ulterjuri f'dan l-istadju.

**25.4 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal- Kunsillieri**

**25.4.1 Oġġezzjoni għal Applikazzjoni PA/01635/26** Il-Kunsill iddeċieda li joġġezzjona għall-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar PA/01635/26 minħabba nuqqas ta' parkeġġ suffiċjenti marbut mal-iżvilupp propost. Il-Kunsillieri qablu mal-oġġezzjoni.

**25.4.2 Puttinu Cares – Kunsillier Schembri** Il-Kunsillier Schembri informa lill-Kunsill li, waqt il-party tal-Milied organizzat għall-anzjani, inġabret u ngħatat donazzjoni ta' €400 lill-organizzazzjoni Puttinu Cares. Il-Kunsill irringrazzja lill-Kunsillier Schembri għall-inizjattiva u għas-sensibilizzazzjoni li wera lejn din il-kawża.

**25.4.3 Len u Jacob – Attività tal-Karnival** Is-Sindku informa lill-Kunsill li waqt l-attività tal-Karnival li saret dan l-aħħar, inġabru €250 permezz ta' attività ta' fundraising li kienet ispirata minn Len u Jacob. Il-Kunsill laqa' din l-aħbar b'sodisfazzjon u rrikonoxxa l-valur ta' dawn l-inizjattivi fil-komunità.

**25.5 Rapporti**

**25.5.1 Unaudited Financial Statements 2025**

L-accountant tal-Kunsill spjega li fuq Paġna 4 – Statement of Comprehensive Income 2025 – il-Kunsill kellu defiċit ta' €1,687 biss għall-2025, meta mqabbel ma' dħul ta' €482,699 fl-2024.

Fuq Paġna 14 hemm ir-rapport dettaljat bil-breakdown tal-operazzjonijiet u l- manutenzjoni. L-allokazzjoni mill-Gvern naqset ftit minħabba l-bidla fit-taqsim tat-tipping fees, li issa qed jintbagħtu direttament lir-Reġjuni.

L-accountant spjega wkoll li l-Kunsill irċieva diversi skemi li fl-2025 laħqu €202,134 meta mqabbla ma' €50,708 fl-2024. Kien hemm żieda fl-allowances tal-kunsilliera kif ukoll xi arretrati għall-impjegati wara l-firma tal-ftehim kollettiv. Kien hemm ukoll penali ta' €6,901 fuq miżura 4.4 relatata ma' xogħol li sar fil-passat.

Fir-receivables, is-somma niżlet minn €470,574 fl-2024 għal €282,914 fl-2025, fejn l-uffiċċju rnexxielu jirkupra ammont sinifikanti.

Fl-aħħar tal-2025, il-Kunsill kellu €1.285 miljun fil-bank, li minnhom €850,000 huma allokati għall-proġett tal-ġnien Reggie Cilia. Dan meta mqabbel ma' €325,000 fl-2024.

L-accountant spjega d-differenza bejn id-dejn short-term u long-term. Id-dejn long-term naqas b'€225,000; għalhekk jidher li d-dejn short-term żdied għal €1.17 miljun meta mqabbel ma' €800,000. B'mod ġenerali, il-Kunsill naqqas id-dejn b'€17,000.

**25.5.2 Quarterly 4-2025**

L-Accountant ippreżentà r-rapport finanzjarju għar-raba' kwart tal-2025 (Q4), li fih ġew ikkorroborati l-istess figuri u spjegazzjonijiet imsemmija fil-punt preċedenti. Il-Kunsillieri eżaminaw ir-rapport u qablu miegħu.

**25.5.3 Aġġornament tat- Tender KLM 01/2026 – Upkeep and Maintenance of Parks, Gardens and Soft areas in Mosta in an Environmentally Friendly Manner**

Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li, fil-ġranet li ġejjin, ser issir laqgħa tal-Bord tal-Evalwazzjoni sabiex jiġu evalwati t-tenders li waslu u jiġu indirizzati l-kjarifikazzjonijiet mitluba. Il-proċess ser ikompli u l-Kunsill ser jiġi infurmat dwar l-eżitu fil- laqgħa li jmiss.

**25.5.4 ERA Proposal-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

L-Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA) ressqet proposta li tinkludi t-tneħħija ta' speċi alieni mill-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, kif ukoll il-provvista u t-tħawwil ta' diversi siġar u arbuxxelli indiġeni. Il-Kunsill laqa' u approva l-proposta fis-sustanza, iżda ħass li jeħtieġ jikkunsidra bir-reqqa l-aspetti relatati mal-manutenzjoni futura u t-twaħħil tal-pjanti. Il-Kunsillieri qablu li dan ix-xogħol għandu jsir, billi jikkostitwixxi investiment ambjentali importanti u jgħin fis-sbuħija ta' dan l-ispazju pubbliku.

**25.5.5 Greening Proposal- Vjal il-Qalbiena Mostin**

Is-Sindku ppropona li jsir tisbiħ arborali bi pjanti indiġeni fil-Vjal il-Qalbiena Mostin, peress li l-pjanti attwalment preżenti mhumiex adatti għall-ambjent lokali u ma jżommux is-sbuħija tal-post. Il-Kunsill approva din il-proposta, b'rikonoxximent tal-valur ambjentali u estetiku li din l-inizjattiva ġġib magħha għal wieħed mill-aktar viali prominenti tar-raħal.

**25.5.6 SPI.SCI.01.2026 - Attivitajiet Kulturali Annwali 2026 (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 14 ta' April 2026)**

Is-Sindku ppreżentà l-iskema msemmija fis-suġġett. Il-Kunsill fakkar li fl-2025 kien organizza b'suċċess kbir il-Festa "Qargħasel" fit-13 u l-14 ta' Settembru. Fid-dawl tal-kwalità tal-attività u r-rispons pożittiv tal-komunità, il-Kunsill qabel li jippreżenta applikazzjoni ġdida għall-istess tip ta' attività, peress li din hija marbuta intrinsikament mal-identità u l-istorja ta' Mosta. Il-Kunsill qabel li japplika għall-massimu tal-fondi allokati u li jżomm il-finanzjament meħtieġ għall-perċentwali li għandu jiġi kopert minnu stess. Il-Kunsillieri approvaw nem. con.

**25.5.7 SPI.SCI.02.2026 - Lokalitajiet aktar nodfa 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2026)**

Il-Kunsill esprima l-intenzjoni tiegħu li japplika għal din l-iskema, kif għamel f'snin preċedenti. Ġie kkonfermato wkoll li l-Kunsill ser jikkommetti ruħu biex iżomm il-fondi tal-parti rikjesta li huwa mistenni jħallas. Il-Kunsillier Zerafa ser jaħdem fuq l-applikazzjoni flimkien mas-Sindku. Il-Kunsill approva li tidhol l-applikazzjoni.

**25.5.8 SPI.SCI.03.2026 - Attivitajiet Milied 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2026).**

Il-Kunsill esprima l-intenzjoni tiegħu li japplika għal din l-iskema, kif għamel f'snin preċedenti. Ġie kkonfermato wkoll li l-Kunsill ser jikkommetti ruħu biex iżomm il-fondi tal-parti rikjesta li huwa mistenni jħallas. Il-Kunsillier Bayliss ser taħdem fuq l-applikazzjoni flimkien mas-Sindku. Il-Kunsill approva li tidhol l-applikazzjoni.

**25.5.9 SPI.SCI.04.2026 - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2026)**

Il-Kunsill esprima l-intenzjoni tiegħu li japplika għal din l-iskema, kif għamel f'snin preċedenti. Il-Kunsillier Bayliss ser taħdem fuq l-applikazzjoni flimkien mal-Kunsillieri l-oħrajn u ser tipppreżenta l-applikazzjoni kompluta quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni tiegħu fil-laqgħa ta' Mejju 2026.

**25.5.9 SPI.SCI.05.2026 - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2026)**

Il-Kunsill esprima l-intenzjoni tiegħu li japplika għal din l-iskema, kif għamel f'snin preċedenti. Il-Kunsillier Bayliss ser taħdem fuq l-applikazzjoni flimkien mal-Kunsillieri l-oħrajn u ser tipppreżenta l-applikazzjoni kompluta quddiem il-Kunsill fil-laqgħa ta' Mejju 2026.

**25.5.10SPI.SCI.06.2026 - Finanzjament - Karnival 2027 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 28 ta' Awissu 2026)**

Il-Kunsill esprima l-intenzjoni tiegħu li japplika għal din l-iskema, kif għamel f'snin preċedenti, u kkonfermà l-impenn tiegħu li jżomm il-fondi tal-parti rikjesta li huwa mistenni jħallas.

**25.5.11Storytelling - Summer 2026**

Is-Sindku ppproponà li jiġi organizzat programm ta' storytelling għat-tfal bejn is-6 u l-11-il sena waqt is-sajf tal-2026, b'baġit ta' €400 li nġabar permezz ta' stimi. Il-Kunsillieri approvaw l-inizjattiva.

**25.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**25.6.1 Skeda tal-Pagamenti**
L-iskeda ta' Pagamenti numru 171 kienet approvata mill-Kunsillieri preżenti nem. con.

**25.6.2 Purchase Orders**
Il-lista ta' purchase orders kienet approvata mill-Kunsillieri preżenti nem. con.

**25.6.3 Works Orders**
Il-lista ta' Works orders kienet approvata mill-Kunsillieri preżenti nem. con.

**25.6.4 Petty Cash**
Ir-rendikont preżentant tal- Petty Cash kien approvat mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

**25.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduti li jmiss.**
Il-laqgħa ntemmet fit-8:28 p.m. Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa Ordinarja Nru 26 ser issir nhar it-Tlieta, 28 ta' April 2026, filwaqt li l-laqgħa pubblika ser issir fit-Tnejn, 29 ta' April 2026.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Joseph Gatt** | **Jeremy Bartolo** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |